**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. James Grech)**

**vs**

**Anton Vassallo**

**Illum, 14 ta' Gunju 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Anton Vassallo,** ta' 26 sena, iben Carmelo u Rose xebba Pullicino, mwieled Pieta', nhar it-23 ta' Settembru 1978, u residenti 'St. Joseph House,' Triq Felice, Zabbar, detentur tal-karta tal-identità numru 495978M.

Akkuzat talli:

a) Nhar it-8 ta' Marzu 2000 filghaxija f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBA 627 ta' ghamla Peugeot, liema serq huwa kwalifikat, bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li jaccedi l-mitt Lira Maltin izda anqas minn elf Lira

Maltin, u li sar ghad-detriment ta' Schembri Godwin mill-Iklin;

b) Fl-istess data, hin, u cirkustanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Akkuzat ukoll talli:

c) Fl-istess data u hin, u cirkustanzi, volontarjament hassart jew hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Godwin Schembri liema hsara hija aktar minn Lm50 (hamsin Liri Maltin) izda anqas minn Lm500 (hames mitt Lira Maltin);

Akkuzat finalment talli:

d) Fl-istess data, hin u cirkustanzi rrenda ruhu recediv ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2016, l-imputat irregistra ammissjoni li giet debitament registrata fil-verbal tal-istess seduta.

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum stess l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat illi l-Qorti tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum stess mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Illi mill-pre-sentencing report jirrizulta li minkejja li l-fedina penali tal-imputat hija wahda refrattarja, f'dawn l-ahhar snin l-imputat jidher illi biddel l-imgieba tieghu u qed jaghmel hiltu sabiex izomm 'il boghod mill-kriminalita u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja fil-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 41 (1) (a), 49, 50, 261, 262, 263, 264, 267, 269, 278, 279, 280, 289, 325 (1) (c) u 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni tal-imputat, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erbgha snin, kif ukoll tpoggi lill-imputat taht Ordni ta'

Servizz fil-Komunità u tikkundannah mija u hamsin siegha xoghol fil-komunità ai termini tal-Artiklu 11 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur